

**Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tad-9 ta' Diċembru 2014 – Leali u Acciaierie e Ferriere Leali Luigi vs Il-Kummissjoni**

(Kawżi T-489/09, T-490/09 u T-56/10) <sup>(1)</sup>

[“Kompetizzjoni — Akkordji — Suq tal-vireg jew tar-rombli għar-rinfurzar tal-konkrit — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 65 KEFA, wara l-iskadenza tat-Trattata KEFA, fuq il-bażi tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 — Iffissar tal-prezzijiet u tat-termini għall-ħlas — Limitazzjoni jew kontroll tal-produzzjoni jew tal-bejgħ — Ksur tal-forom proċedurali sostanzjali — Bażi legali — Eċċess ta' poter u użu ħażin ta' proċedura — Multi — Tul tal-ksur — Proporziunalità — Preskrizzjoni — Rikors għal annullament — Deċiżjoni ta' modifikazzjoni — Inammissibbiltà”]

(2015/C 034/22)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

Rikorrenti: Leali SpA (Odolo, l-Italja) (Kawżi T-489/09 u T-56/10); u Acciaierie e Ferriere Leali Luigi SpA (Brescia, l-Italja) (Kawżi T-490/09 u T-56/10) (rappreżentant: G. Bellotti, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: fil-Kawżi T-489/09 u T-490/09, inizjalment R. Sauer u V. Di Bucci, sussegwentement R. Sauer u B. Gencarelli, u finalment R. Sauer u R. Striani, u, fil-Kawża T-56/10, inizjalment R. Sauer u B. Gencarelli, sussegwentement R. Sauer u R. Striani, aġenti, assistiti minn M. Moretto, avukat)

**Suġġett**

Fil-kawżi T-489/09 u T-490/09, talbiet għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2009) 7492 finali, tat-30 ta' Settembru 2009, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 65 KEFA (Każ COMP/37.956 – Vireg għar-rinfurzar tal-konkrit, adozzjoni mill-ġdid), u, sussidjarjament, talbiet għat-tnaqqis tal-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti u, fil-Kawża T-56/10, talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2009) 9912 finali, tat-8 ta' Diċembru 2009, li temenda d-Deċiżjoni C (2009) 7492 finali.

**Dispożittiv**

- 1) Il-Kawżi T-489/09, T-490/09 u T-56/10 huma magħquda għall-finijiet ta' din is-sentenza.
- 2) Ir-rikorsi huma miċħuda.
- 3) Fil-Kawża T-489/09, Leali SpA hija kkundannata għall-ispejjeż.
- 4) Fil-Kawża T-490/09, Acciaierie e Ferriere Leali Luigi SpA hija kkundannata għall-ispejjeż.
- 5) Fil-Kawża T-56/10, Leali u Acciaierie e Ferriere Leali Luigi huma kkundannati għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 37, 13.2.2010.

**Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tad-9 ta' Diċembru 2014 – IRO vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-69/10) <sup>(1)</sup>

[“Kompetizzjoni — Akkordji — Suq tal-vireg jew tar-rombli għar-rinfurzar tal-konkrit — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 65 KEFA, wara l-iskadenza tat-Trattata KEFA, fuq il-bażi tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 — Iffissar tal-prezzijiet u tat-termini għall-ħlas — Limitazzjoni jew kontroll tal-produzzjoni jew tal-bejgħ — Ksur tal-forom proċedurali sostanzjali — Bażi legali — Istruttorja tal-każ — Definizzjoni tas-suq — Ksur tal-Artikolu 65 KEFA — Multi — Ċirkustanzi attenwanti — Proporziunalità”]

(2015/C 034/23)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

Rikorrenti: Industrie Riunite Odolesi SpA (IRO) (Odolo, l-Italja) (rappreżentanti: A. Giardina u P. Tomassi, avukati)